MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2014

Numru. 179/2010

**Il-Pulizija**

**Spettur Anna Marie Micallef**

**VS**

**Francesco k/a Frank Schembri, iben Antonio u Antonia nee’ Cassar, imwieled iz-Zejtun nhar is-26 ta’ Awwissu, 1957, residenti fil-fond Framarg, Triq Joseph Montebello, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita’ numru 599257M;**

**U Matthew Busuttil, iben Carmelo u Maria Dolores nee’ Schembri, imwieled Tal Pieta’ nhar il-25 ta’ Mejju, 1980, residenti fil-fond numru 112, Mencara, Triq San Filippu, Ghaxaq, detentur tal-karta tal-identita’ numru 260980M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Francesco k/a Frank Schembri** u **Matthew Busuttil**, li gew akkuzati talli:

1. Francesco k/a Frank Schembri wahdu talli fil-kapacita’ tieghu ta’ direttur tal-kumpanija C & F Building Contractors Limited, u lil Matthew Busuttil fil-kapacita’ tieghu ta’ min ihaddem, nhar is-27 ta’ Frar, 2009 u/jew fil-granet ta’ qabel, fis-sit tal-kostruzzjoni sitwat f’The Strand, Gzira, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, wegghet Hairyah Hairyah, hekk kif iccertifikat it-Tabiba Dr Bernice Vella MD mill-Isptar Mater Dei, u dan ai termini tal-Artikoli 225, 226(1), 214, u 216(iii) u (b) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli t-tnejn flimkien akkuzati talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u/jew fil-granet ta’ qabel, naqsu milli jharsu s-sahha u s-sigurta’ tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol illi jkun qieghed isir, u dan billi naqsu li jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol, liema nuqqas wassal ghall-korriment gravi ta’ Hairyah Hairyah, u naqsu milli jiehdu l-mizuri necessarji kollha sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa ragonevolment prattiku, u naqsu li jaghtu dawk l-istruzzjonijiet, tahrig, informazzjoni u supervizjoni, ai termini tal-Artikolu 6(1)(2) tal-Att 27/2000 Kap 424;

3. U aktar talli t-tnejn flimkien, fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, bhala l-persuni li jhaddmu, naqsu li jiehdu l-mizuri mehtiega biex jizguraw illi l-apparat tax-xoghol ghad-disposizzjoni tal-haddiema fl-intrapriza, u/jew fl-istabbiliment innifsu, ikunu adatti ghax-xoghol illi jkun ser jitwettaq jew adatti kif imiss ghall-iskop, u jkunu ser jintuzaw mill-haddiema minghajr periklu ghas-sigurta’ u ghas-sahha taghhom, u dan ai termini tal-Artikolu 3(1)(a) tal-Avviz Legali 282/2004;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, bhala persuni li jhaddmu, naqsu li jizguraw illi fejn is-sigurta’ tal-apparat tax-xoghol tkun tiddependi fuq il-kundizzjonijiet tal-istallazzjoni, dak it-taghmir ghandu jkun soggett ghall-ispezzjoni tal-bidu u ghal spezzjoni wara l-assemblagg f’post gdid jew f’lokalita’ gdida minn persuni kompetenti, biex ikun

zgurat illi l-apparat tax-xoghol ikun gie stallat sew u jkun qed jahdem sew, u dan ai termini tal-Artikolu 5(1)(a) tal-Avviz Legali 282/2004.

Rat illi l-imputati wiegbu li ma kinux hatja tal-istess.

Rat illi gie ezebit il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputati ddikkjaraw li ma kellhomx oggezzjoni.

Rat il-provi kollha migjuba.

Fl-ewwel lok xehed il-**Maggur Robert Everest** dwar rapport li rcieva dwar incident li gara fis-27 ta' Frar, 2009 f'The Strand, il-Gzira, fejn scaffolding waqa' fuq persuna femminili li spiccat wegghet. Qal illi fuq il-post hu kellem lill-foreman Matthew Busuttil dwar l-incident. Kellem anke xi haddiema ohra, li pero ma ttellghux bhala xhieda. Aktar tard anke kellem lill Dr Bernice Vella li nfurmatu li l-griehi sofferti minn certa Hairyah Hairyah kienu ta' natura gravi.

Ezebixxa l-okkorrezna bhala Dok RE a folio 34.

Gie ezebit ukoll ic-certifikat mediku mahrug minn Dr Bernice Vella fil-konfront ta' Hairyah Hairyah li jiddeskrivi l-griehi minnha sofferti bhala gravi.

F'dan ir-rigward aktar tard fil-mori ta' dawn il-proceduri, ittellghet tixhed l-istess Tabiba li rrilaxxat dan ic-certifikat – certu **Dr Bernice Vella**. Spjegat illi l-griehi sofferti minn Hairyah kienu gravi minhabba skondtha li sofriet ferita ta' centimetru fuq ix-xoffa ta' isfel; kellha ferita forma tal-ittra I fuq il-geddum centimetru b'centimetru; kellha ferita ta' erba'(4) centimetri fuq rasha; kellha griehi mal-gog ta' halqha. Xehdet ukoll illi kellha sinna ta' quddiem ta' fuq nieqsa.

Dwar il-feriti deskritti minnha ta' tliet (3) u erba'(4) centimetri, xehdet illi dawn kollha kellhom bzonn il-punti. Ikkonfermat fil-kontro ezami fit-tul (u anke gieli argumentattiv u mhux "*to the point*"), illi kienet hi li kienet ghamlet is-sutturi msemmija, pero minhabba t-trapass taz-zmien ma kinitx taf kemm kienu saru sutturi.

Xehdet ghalhekk anke l-feruta **<u>Hairyah Sut Cliff</u>** (bil-lingwa Ngliza). L-imputati minhabba f'hekk, kienu assistiti minn Dr Daniela Mangion li nterpretatilhom dak illi kien qed jintqal mix-xhud ghal Malti.

Din spjegat illi hi kienet miexja l-Gzira, spjegat fejn bridge li jaghti ghal Manuel Island, kienu xi 2.00pm. Ftakret illi kienet miexja fuq il-bankina u meta qamet sabet ruhha fl-ambulanza. Ftakret illi kienet ghaddejja minn taht l-scaffolding li waqa' fuqha. Tghid illi rat "*I saw the fall of the metal and the stones.*" (folio 115).

Xehdet illi sofriet griehi fi snienha, f'rasha, kellha sutturi fil-hanek kif ukoll fuq xufftejha.

**<u>Keith Seychell</u>** minn naha tieghu xehed illi hu kien qabbad lill-ko-imputat Francesco Schembri biex jibnilu appartamenti. Kien fi kliemu xtara dar illi kellha taqa' u minflokha jinbnew dawn l-appartamenti. Kellu skondtu jhott u jibni Schembri. Dwar il-ko-imputat Busuttil xehed illi kien jafu ghax kien jahdem ma' Schembri. Ikkonferma li hu kien jinzel fuq il-lant tax-xoghol kuljum u hemm gieli ra kemm lil Schembri kif ukoll lil Busuttil. Qal illi hu gieli tkellem ma' Busuttil dwar il-bini ta' dawn l-appartamenti.

Minn naha tieghu **<u>Norman Spiteri, ufficjal tal-Awtorita' tas-Sahha u s-Sigurta'</u>** xehed illi hu kien, darba li acceda fuq is-sit tal-incident f'din il-kapacita', ha sittax(16)-il ritratt li ezebixxa f'dawn il-proceduri bhala Dok NS. Spjega li s-sit in kwistjoni kien ghadu fi stat ta' demolizzjoni, u kull ma kien ghad fadal minnu kien biss l-ewwel sular. Xehed illi quddiem is-sit fit-triq, fuq in-naha ta' The Strand, ra bicciet ta' scaffolding kif ukoll materjal ta' kostruzzjoni, fosthom *guilders*, fallakki u bricks.

Ikkonferma li Hairyah kienet anke taghtu l-case summary taghha, ezebit bhala Dok NS1.

Xehed dwar id-diskors li sar bejnu u bejn Matthew Busuttil u l-Perit Karl Grech. Prezenta anke r-rapport illi baghtlu l-Perit Karl Grech dwar dan l-scaffolding, Dok NS2. Il-Qorti, ghal ragunijiet ovvji tad-drittijiet tal-imputati, mhix ser tirriproduci dak illi qal ix-xhud dwar dak illi ntqal lilu minnhom fil-kors tal-investigazzjoni tieghu.

In kontro ezami dwar il-materjal tal-kostruzzjoni, qal illi ra mir-ritratti ezebiti sellum, guilders, u materjal mill-gallarija. Rega' gie mistoqsi in kontro ezami dwar diskors li qallu Busuttil, pero tibqa' tal-opinjoni din il-Qorti illi dan

m'ghandux ikun ammissibbli bhala prova ta' dak illi ntqal, in vista' li hawn Busuttil certament, ghalkemm investigat, ma kien moghti ebda drittijiet.

Ikkonferma li fuq il-post, apparti Busuttil kien hemm anke haddiema ohra (circa tlieta(3).

Gie ezebit ukoll il-Memorandum and Articles tal-kumpanija C & F Building Contractors Ltd. Ikkonferma **Chris Abela, manager fi hdan l-MFSA**, illi fil-fatt il-ko-imputat Frank Schembri kien fis-27 ta' Frar, 2009 direttur tal-imsemmija kumpanija, sole director.

Xehed ukoll il-**Perit Karl Grech**. Qal illi l-progett in kwistjoni kien jikkonsisti fi twaqqiegh ta' binja antika u jtella' minflokha binja ohra gdida. Qal illi barra hu kien hemm anke l-Perit tal-klijent. Hu - cioe' x-xhud, kien allura l-Perit tas-socjeta' C & F. Xehed allura li hu kien il-Perit tal-kuntrattur, cioe' Schembri Holdings. Qal illi hu nterpreta l-pjanta li ghamel il-Perit tal-klijent certu Christian Spiteri. Qal illi fuq din il-pjanta ma kellux indikat scaffolding.

Ghalhekk dwar dan l-scaffolding xehed illi dan kellu jsir bil-Ligi bhala jkunu jistghu jghaddu minn fuq il-bankina. Iddeskriva dan l-scaffolding bhala 'ilqugh' (folio 84).

Qal illi hu kien prezenti meta ntrama dan l-scaffolding, pero ma accettax illi dan l-armar sar fuq direzzjoni tieghu. Mistoqsi jekk dan l-scaffolding kellux nuqqasijiet, wiegeb illi ma kinx jaf. Qal illi dan ma kinx l-inkarigu tieghu. Qal ukoll illi l-scaffolding li kien hemm kien ilu li ntrama gimghat u kien gia' beda x-xoghol ta' kostruzzjoni fuq is-sit, nonostante li kienu ghadhom qed jistennew li dan jigi certifikat minn inginier.

Qal illi hu ta struzzjonijiet cari li jahdmu minn gewwa tal-bini - kellhom iwaqqghu l-bini minn gewwa. Dawn l-istruzzjonijiet qal illi tahom lill-foreman Matthew Busuttil. Baqa' jinsisti li kienu qed jistennew lill-Inginier biex jiccertifika l-scaffolding bhala "safe". Xehed illi hu kien ikun fuq il-lant kuljum, u li x-xoghol kien taht supervizjoni kwazi effettiva tieghu. Ikkonferma l-kontenut tad-Dok NS1 - rapport redatt minnu lill-Awtorita' wara l-incident in ezami. Skondtu l-incident gara ghax il-gallarija marritilha s-saljaturi, u allura strahet fuq l-scaffolding, u konsegwentement dan gheleb ghal barra. Qal illi s-saljaturi, ghax kienu qodma hafna, waqghu u strahu fuq l-scaffolding. Zied illi s-saljaturi ma strahux wahidhom fuq l-scaffolding, pero gibdu l-gallarija wkoll.

Qal illi hu kien ta struzzjonijiet specifici lil Matthew Busuttil biex ma jahdimx fuq il-faccata. Dawk kienu l-istruzzjonijiet tieghu lil Busuttil. Qal anke li x-xoghol kien qieghed isir bl-idejn.

In kontro ezami, qal illi l-scaffolding tellghuh il-haddiema ta' Schembri & Sons. Qal illi kellu jkun is-site manager Keith Seychell illi kellu jressaq lill-inginier biex jiccertifika l-scaffolding.

L-opinjoni tieghu dwar l-incident kienet illi l-bini tant kien fi stat hazin illi s-saljatura nqasmet, u allura strahet fuq l-scaffolding. Zied illi l-scaffolding kien marbut b'robolts. Qabel illi kien marbut kemm mal-gallarija kif ukoll mal-hajt.

Ghalkemm insista li x-xoghol ma kinx ghaddej mal-faccata, qabel illi nonostante li l-scaffolding ma kinx iccertifikat, xorta komplew bix-xoghol. Spjega li l-scaffolding ma kinx biex jerfa' l-materjal, pero biex iservi ta' lqugh ghall-pedestrians. Ghalkemm insista li x-xoghol kien qieghed isir bl-idejn, allura l-bini ma kellux xokkijiet ta' ghodda elettrici, kellu jaqbel illi stante li x-xoghol imhott kien qieghed jintefa' fuq gewwa, jitwaddab go site fi kliemu (folio 96), ikkonceda li dan seta' kkaguna treghid u l-faccata taqa'.

Insista li minhabba n-nuqqas ta' certifikat tal-inginier hu ta struzzjonijiet li ma jsirx xoghol fuq il-faccata. Qal illi kien hemm xi ghaxar (10) metri boghod bejn fejn jintefa' d-debris sal-gallarija.

Xehdu minn jeddhom l-imputati t-tnejn.

Ghalhekk **<u>Matthew Busuttil</u>** qal illi fi hdan is-socjeta' Schembri & Sons hu kellu r-rwol ta' foreman. Qal illi fuq is-sit ix-xoghol kien qieghed jikkordinah Karl Grech il-Perit tal-kumpanija. Fi kliemu hu kien jara li x-xoghol isir sewwa, u anke jiehu hsieb il-haddiema. Qal illi dakinhar tal-incident hu kien ghadu kif jasal. Kien qieghed jipparkja u ra l-scaffolding jinqaleb fit-triq. Insista li ma kinux qed jahdmu fuq il-faccata – dan fuq struzzjonijiet tal-Perit.

In kontro ezami qal illi l-scaffolding kien ilu armat gimgha jew qabel. Qabel illi dan kien walk tunnel. Qal illi hu ra lill-feruta hierga minn taht l-scaffolding, imbaghad tpoggi bil-qieghda. Innega li kien il-kompitu tieghu li jiehu mizuri. Rama biss l-scaffolding. Ghalih il-mizuri kellu johodhom il-management. Ammetta li hu flimkien mal-haddiema ramaw dan l-scaffolding. Qal illi kien ihoss illi kellu esperjenza biex jarma dak l-scaffolding, bhal ma kien ghamel qabel u kien gie certifikat tajjeb.

Insista li ma kinx hu li kien jiehu hsieb li dan l-scaffolding jigi ccertifikat, pero zied illi kif spicca jarmah, hu kien talab lis-site manger Keith Seychell biex

jingab inginier u dan jigi ccertifikat. Ma kinx jaf dan sarx, qal illi ma kinx jidhol f'dan.

Mistoqsi jekk dan l-scaffolding kellux xi haga fuqu, wiegeb illi kieku kien il-kaz din kienet tidher meta waqa' l-istess.

Dwar l-armar tal-scaffolding, qal illi l-plywood uzat fis-saqaf tat-tunnel ghamluh doppju halli jekk taqa' gebla ma jisfrundax (folio 143).

Anke fil-fehma ta' dan ix-xhud inqasmu s-saljaturi. L-scaffolding li kien marbut mal-faccata hargulu r- robolts b'kollox bil-piz, u ghalhekk intrefa'. Zied illi s-saljatura skondtu fil-fatt ma waqghetx fuq l-scaffolding, imma nizlet bejn il-faccata u l-scaffolding, u dan gie mbuttat 'il barra. Dan spjegah ghax hu baqa' jinsisti li minhabba li s-saqaf kien doppju, kellu jiflah il-piz.

Xehed ukoll minn jeddu **Francesco Schembri**. Qal illi hu kellu diversi kumpaniji, u li kellu tliet mija u hamsin (350) ruh impjegati mieghu. Zied illi kellu diversi sites - ghaxra ghaddejin fl-istess hin. Ikkonferma li l-foreman tieghu kien Matthew Busuttil u li l-Perit inkarigat mis-sit in kwistjoni kien Carl Grech. Zied illi hemm kienu qed ihottu binja antika, binja li ghalih kienet qed tikkrolla. Kellha l-gebla mhix stabbli. Qal illi t-twaqqiegh kien qieghed isir b'sistema ta' gakkijiet, tavlini u scaffolding. Qal illi l-incident gara mal-faccata, fejn kien hemm gallarija li kella s-saljaturi fi kliemu "vazi" tant illi din kienet mifruda bl-scaffolding (folio 150).

Qal illi meta wasal fuq il-post tal-incident, hu ra s-saljatura maqsuma mal-art. Qal illi gialadarba faqqghet is-saljatura, telqet il-gallarija, allura l-scaffolding spicca b'piz kbir fuqu.

Kien jaf li wegghet mara.

Qal illi hu kien iddiskuta l-mizuri li kellhom jittiehdu fuq dan il-lant tax-xoghol kemm mal-Perit kif ukoll mal-ko-imputat l-iehor. Stranament, mistoqsi jekk dan l-scaffolding kinx gie ccertifikat, wiegeb illi kien hekk gie.

Ikkunsidrat, wara li semghet it-trattazzjonijiet, is-segwenti:

Ser tibda l-Qorti biex fl-ewwel lok tistabilixxi jekk l-imputati t-tnejn – Frank Schembri fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' C & F Building Contractors Ltd, u Matthew Busuttil bhala foreman, jistghux ikollhom responsabbilta' kriminali, u cioe' jistghux ghar-reati in dezamina jirrispondu kriminalment.

Taghmel referenza hawn il-Qorti ghal dak illi jinghad fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, dwar it-tifsir tal-kliem "*min ihaddem*"

"*"min iħaddem" tfisser il-persuna li għaliha jsir xogħol jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizzi, u*

*(a) għal dak li jirrigwarda xogħol magħmul taħt kuntratt ta' servizz, tfisser il-kuntrattur jew is-subkuntrattur, iżda ma tinkludix id-diretturi, managers, soċji jew sidien, okkupanti jew possessuri li għalihom ikun qed isir ix-xogħol, minbarra fil-każ fejn għodod, materjal jew tagħmir ikun provdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-apparat jista' jkollu, liema difetti jkunu magħrufa u ma ġewx indikati, jew li setgħu ikunu magħrufa;*

*(b) għal dak li jirrigwarda l-organizzazzjonijiet l-oħra kollha, inklużi dawk volontarji, jew għal dak li jirrigwarda xi forma oħra ta' impieg taħt kuntratt ta' servizz, tinkludi kull waħda mill-persuni li tidderieġi fuq kullħadd jew li tieħu ħsieb it-treġija ta' kuljum;*"

Taghmel ukoll referenza hawn ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, moghtija mill-Imhallef Dr Vincent De Gaetano nhar l-24 ta' Settembru, 2009, fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt David Saliba) vs Frank Schembri; Giuseppe Tabone", fejn giet imhaddna l-istess defnizzjoni, u l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li "*il-kariga ta' foreman …….kienet ukoll timponi fuqu l-obbligi kollha ta' min ihaddem ghall-fini tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

Certament direttur ta' kumpanija huwa ben inkluz f'din id-definizzjoni.

Mela bla dubbju l-imputati t-tnejn jistghu jitressqu biex jirrispondu ghall-akkuzi in dezamina.

L-ewwel akkuza migjuba kontra Schembri u Busuttil hija dik talli kkagunaw b'mod involontarju, bi traskuragni, negligenza, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, griehi ta' natura gravi fuq Hairyah Hairyah – hawn allura qeghdin dil-kamp tal-*culpa*.

Bla dubbju ta' xejn, Dr Bernice Vella ddeskriviet il-griehi sofferti minn Hairyah bhala ta' natura gravi – tfakkar il-Qorti li din kellha sutturi fuq wiccha, fuq xufftejha, u gedduma.

Sofriet ukoll din it-telf ta' snien. Dwar dan il-Qorti taghmel referenza ghal dak illi qal l-Imhallef Dr Vincent De Gaetano fid-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Spagnol"

Hawn il-Qorti qalet hekk dwar is-snien:

"*B'mankament fil-wicc il-Ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' delle alterazione stesse, o per l'espressione d'assieme del volto." Sfregju mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineament tal-wicc, u anke f'dik illi hija sbuhija tal-wicc. Skont gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hija dik li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin." Skolurament tal-gilda, jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. Is-snien m'humix parti mill-wicc, ghalkemm it-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett illi jistghu jhallu fuq il-wicc u specjalment fir-regun tal-halq. Pero la t-tul tal-infermita' u lanqas il-permanenza o meno taghha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-Sub Artikolu 216(1)(b)*"

Illi in vista' ta' din il-gurisprudenza, u anke ghax jirrizulta li fil-fatt Hairyah tilfet sinna wahda biss, kif xehdet it-tabiba (folio 130), allura ma tqisx il-Qorti li dan huwa mankament jew sfregju li trid il-Ligi. Pero hi sofriet u kellha sutturi f'wiccha, fuq xufftejha, u gedduma (anke hdejn widnejha pero fuq wara, allura possibbilment mghottija b'xagharha), dawn il-griehi certament huma ta' natura kif deskritti fl-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, pero ma tirrizultax dik il-gravita' u permanenza li trid il-Ligi ai termini tal-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijietta' Malta.

Kif gia' gie riferut, l-ewwel akkuza migjuba hija ta' natura nvolontarja – koncernanti l-*culpa* dawk li jaqghu fl-ambitu tal-Artikolu 226 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante l-eskluzjoni tal-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif hawn fuq premess.

Issa l-Artikolu 226 jirreferi ghac-cirkostanza msemmija fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, allura l-griehi hawn ikkagunati jinhtieg illi jkunu kagunati "*b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti……*"

Mela jsegwi li biex tinstab htija hawn, fil-konfront ta' Schembri u Busuttil, azzjoniethom, anke jekk involontarja, trid tkun wasslet biex Hairyah wegghet kif hawn fuq deskritt.

Nafu li Schembri kien id-direttur tal-kumpanija C & F Building Contractors Ltd, u Busuttil il-foreman fuq il-lant tax-xoghol fejn okkorra l-incident.

L-Antolisei dwar il-*culpa* jghid hekk:

"*Il (delitto) colposo …..e' colposo o contro l'intenzione quando l'evento, anche' se preveduto, non e' voluto dal agente u si verifica a causa di negligenza o imprudenza u imperizia ovvero pero inosservanza di leggi, regolamenti, ordine o discipline."*

*"…..si desume che per l'esistenza del reato colposo occorre anzitutto un azione ‹‹commessa con coscienza e volonta'›› e cioe'……..un comportamento attirbuibile al volere del soggetto.*

*Si richiede poi la mancanza di quella volonta' dell'evento (meglio, del fatto) che caratterizza il dolo. Nel reato colposo l'agente ha bensi realizzato il fatto prevvisto dalla legge come reato con una condotta che risale alla sua volonta' (‹‹ propria ›› di lui), ma non la ha voluto ne' direttamente, ne' indirettamente. Se anche si e' proposto uno scopo (il che non si verifica sempre), egli non ha avuto di mira, e neppure accettato il fatto posto in essere. Questa nota distinguee il reato colposo dal reato doloso, salvi i casi di colpa impropria di cui parleremo*[1]

*Ma cio' non basta per l'esistenza della colpa: occorre inoltre che il fatto sia dovuto ad un'imprudenza, negligenza o imperizia, oppure a una inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline. L'imprudenza e' propriamente*

---

[1] *Il PAGLIARO, Il fatto di reato, Palermo 1960, p. 274 ss. (v. anche Pricipi, p. 330), ha invece ravvisato l'elemento differenziale tra ipotesi di dolo e di colpa nel fatto che mente la fattispecie colposa ‹‹e' caratterizzata da un elemento normative concreto››, quella dolosa ‹‹delinea di comportamento incriminato attraverso elementi descrittivi u normative astratti››.*

*l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui. La negligenza esprime un atteggiamento psichico alquanto diverso: si tratta della trascuratezza, e precisamente della mancanza o deficienza di attenzione oppure di sollecitudine. Nell'ambito della negligenza va collacata la c.d. ‹‹colpa per assunzione›› tipica di che assume un incarico senza provvedere a munirsi del personale specializzato e dei dati tecnici necessari a ‹‹dominare l'opera››, quando le sue cognizioni e competenze non siano all'altezza del compito accettat[2]o. Per quanto concerne l'imperizia e' generalmente riconosciuto che, per potersi parlare di responsabbilta' colposa, non basta la semplice defidienza di abilita' professionale: occorre una insufficiente preparazione o una inettitudine di cui l'agente, pur essendo consapevole, non abbia voluto tener conto[3] , e cio' perche' il diritto attuale considera la colpa come un vizio delle volonta' e non dell'intelligenza. L'imperizia che puo' dare origine a responsabbilta' per colpa, pertanto, finisce sempre col risolversi in una imprudenza.*"

*‹‹Scrisse il Carraro›› La colpa si definisce la volontaria ammissione di diligenza nel calcolare la conseguenze possibili o prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'››*

(F Antolisei Manuela di Diritto Penale, parte generale p. 360 – 364)

---

[2] *Cfr. Cass. 29 aprile 1991 in Mass. Dec. pen. 1993, m. 191.795 e 191.800.*

[3] *Cosi', fra gli altri: MANZINI, Trattato, v. I, p. 757. A proposito della colpa professionale del medico, cfr., inoltre: CRESPI, Colpa professionale del medico-chirurgo e regole dell'arte, in Riv. It. 1954, 658 ss.; ID., La ‹‹colpa grave›› nell'esercizio dell'attivita' medico-chirurga, ivi 1973 , 255; PANNAIN, La colpa professionale dell'esercente l'arte sanitaria, in Riv. It. 1955, 32 ss.; GUERRINI, Per un concetto unitario di colpa professionale, in Foro pen. 1969, 301, MAZZA, Sulla colpa professionale del sanitario, in Arch. pen. 1974, II, 471, GRASSO, La responsabbilta' penale nell'attivita' medico-chirurgica: orientamenti giurisprudenziali sul ‹‹grado›› della colpa, in Riv. it. Med. Leg. 1979, 80; RIZ, Colpa penale per imperizia del medico: nuovi orientamenti, in Indice pen. 1985, 267, ANFORA, Una vexata quaestio: colpa professionale, grado della colpa, responsabilita' penale del sanitario. Rilevano le regole deontologiche? In Giusto. pen. 1990, II, 683; RIZ, Medico (Responsabilita' penale del), in Encicl, giur. Treccani 1990, p. 1 ss. dell'estratto; IADECOLA, Profili di colpa e nesso di causalita' nellla responsabilita' professionale del medico, in Giur. Di merito 1994, 680. Sull'argomento anche CARACCIOLI, Colpa per imperizia, colpa per inosservanza di leggi a caso fortuito, in Riv. it. 1959, 558 ss.*

*In questa materia la giurisprudenza proponde talvolta a ritenere rilevante la sole colpa grave (Cass. 25 febbraio 1986, in Arch. giur. Circolaz. 1987, 28; Id. 5 novembre 1985, in Riv. pen. 1986, 924; Id. 15 febbraio 1978, ivi 1978, 732; Id. 7 luglio 1977, in Giur. it, 1978, II, 481), o piu' esattamente accenna, altre volte, a criteri di valutazione ‹‹non rigorosi›› (cosi' Cass. 22 febbraio 1991, in Mass. dec. pen., 1991, 8, 19; Id. 26 novembre 1980, ivi 1980, m. 146.836). Nel caso pero' in cui l'addebito investa non l'imperizia, ma la negligenza e imprudenza, si assume che la valutazione del giudice deve effettuarsi secondo criteri normali. In tal senso, per esempio, Cass. 10 aprile 1984, in Mass. pen. 1984, 1421; Id, 13 giugno 1980, in Mass. dec. pen. 1980, m. 145.608; Id 6 febbraio 1979, ivi 1979, m. 141.044.*

*Nel senso che il riferimento di legge alle ‹‹discipline›› comprende i doveri deontologici e che nel caso di incertezza su tali doveri nei rapporti tra professionista e paziente non potrebbe parlarsi di negligenza rilevante, App. Torino 8 gennaio 1990, in Guist. Pen. 1990 II, 682.*

Bla dubbju, kif jidher anke mill-istess akkuzi u anke mix-xhieda stess prodotta, jezistu diversi ligijiet u regolamenti dwar is-sahha u s-sigurta' li ghandha tigi offruta fuq il-post tax-xoghol. Regolamenti li gew aktar imsahha minn meta Pajjizna sar parti mill-Unjoni Ewropea – allura hawn nidhlu fil-kamp ta' incident involontarju li gara kagun ta' ksur ta' wiehed jew aktar regolamenti.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda prodotta, illi dan l-scaffolding inbena mill-foreman Matthew Busuttil (u haddiema ohra), foreman impjegat mal-ko-imputat Schembri. Dan jghidu l-istess Busuttil, li jzid illi hu kellu esperjenza bizzejjed biex jarma dan l-scaffolding, il-"*walk through tunnel*". Xehed illi kien jaf illi dan kellu bzonn jigi certifikat minn inginier, pero jghid illi dan ma kinx xogholu. Kien car li pero x-xoghol xorta baqa' ghaddej, ghalkemm jghid illi mhux mal-faccata. Hareg car illi fil-fatt din il-binja kienet immermra. Jghid ukoll, anzi kkonceda li d-*debris* tal-hatt tal-bini beda jintefa' gewwa l-binja, allura dan seta' anke rieghed il-binja. Schembri minn naha tieghu tant kien jaf x'kien qieghed jigri, barra li hu direttur tal-kumpanija, illi jghid ukoll illi kien ikollu laqghat kemm mal-foreman Busuttil kif ukoll mal-Perit Carl Grech.

Huwa ben pruvat u pacifiku mill-provi migjuba, illi l-scaffolding, nonostante li beda jsir ix-xoghol ta' hatt fuq din il-binja antika u xejn stabbli, qatt ma gie certifikat kif suppost, biex jigi stabbilit minn inginier jekk kinx idoneu fic-cirkostanzi, u dan ghal oltre gimgha li kien inbeda x-xoghol.

Daqstant iehor huwa pacifiku li Hairyah wegghet ghax waqa' fuqha dan l-scaffolding meta hi kienet ghaddejja minn tahtu.

Certament id-dmirijiet ta' min ihaddem huma ben stabbiliti taht l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid:

"*6. (1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u ssigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*

*Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min i ħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:*

*Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.*

*(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq ilpostijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn ilprinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*

*(a) li jiġi evitat riskju;*

*(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*

*(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r- riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*

*(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*

*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għaħla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u*

*partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku flinteress tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*

*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.*"

Gia' gie stabbilit minn ezami tad-definizzjoni tal-frazi "min ihaddem" illi dawn l-obbligazzjonijiet jinkombu kemm fuq direttur – Schembri u l-foreman, allura Busuttil.

Issa l-Artikoli 3(1)(a) tal-Avviz Legali 282.2004 u 5(1) ukoll tal-istess Avviz Legali, jghid u jzid fuq il-principju gia' stabbilit fl-Att pricipali - il-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, u jsahhu li l-armar, f'dan il-kaz l-scaffolding, kellu

jkun soggett ghal spezzjoni fil-bidu, u kjarament, ai termini tal-Artikolu 5(1) tal-Avviz Legali msemmi “*…….u qabel ma jibda jahdem.*” Anke din l-ispezzjoni huwa pacifiku li ma saritx.

Illi certament ghalhekk, jirrizulta n-ness li trid il-Ligi bejn dak maghmul jew ahjar dak illi naqsu jaghmlu l-imputati bhala l-persuni f’ghajn il-Ligi responsabbli ghal dan, u il-korriment ta’ Hairyah. Naqsu li jassiguraw is-sahha u s-sigurta’ kemm ta’ nieshom (ghalkemm mhux akkuzati b’dan), u ta’ persuna ohra, bhal *pedestrians* li kienu ser jaghmlu uzu mit-taghmir taghhom. Setghu biss jassiguraw li t-taghmir kien idoneu kieku dan kien certifikat qabel l-uzu tieghu, qabel ix-xoghol ma nbeda, minn persuna hekk kompetenti.

Ghaldaqstant, issib htija wara li rat l-Artikoli 225, 226, 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-Artikoli 2 u 6 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll l-Artikoli 3 u 5 tal-Avviz Legali 282/2004;

Issib htija fil-konfront taz-zewg imputati fil-konfront tal-akkuzi kollha addebitati.

Qieset ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda, in vista’ tal-konsegwenzi ta’ azzjoniethom – griehi kagunati fuq pedone ghal kollox estranju ghall-kummerc u negozju taghhom, u wara li rat il-fedina penali ezebita taghhom, tikkundannahom ghall-hlas fi zmien gimgha mill-lum ta’ multa fl-ammont ta’ elfejn u tlitt mitt Ewro kull wiehed(€2,300) , b’dan illi jekk il-hlas ma jsirx fit-terminu stabbilit, fin-nuqqas l-istess multa hawn imsemmija ghandha tigi konvertita fi prigunerija.

Il-Qorti tordna wkoll illi din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qorti Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------